**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 20 ta' April 2001**

**Numru 4**
**Citaz. Nru. 3191/96 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**1. Alexander u Marina mizzewgin Zammit; u**
**2. Roger u Marie Theresa mizzewgin Scotto.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-7 ta' Novembru 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici Bank of Valletta Limited ikkoncediet *Loan facilities* lill-konvenuti Alexander u Marina mizzewgin Zammit bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt ippubblikat min-Nutar Richard Vella Laurenti fid-29 ta' April

1995 li kopja tieghu hija annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok. "A";

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Alexander u Marina mizzewgin Zammit fl-ammont ta' sitt elef, tmien mija u wiehed liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm6,801.74) bilanc ghad-debitu fil-Loan Account ta' Alexander u Marina mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta Limited (Dok. "B") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Richard Vella Laurenti fid-29 ta' April 1995 li kopja tieghu hija esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok. "A" il-konvenuti Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto iggarantew flimkien u in solidum ma' Alexander u Marina mizzewgin Zammit ghaf-favur tal-Bank of Valletta Limited, id-debiti ta' l-istess Alexander u Marina mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta Limited;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Awissu 1996, li kopja taghhom huma esebiti mac-citazzjoni u mmarkati Dok. "C" u "D" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lil Alexander u Marina mizzewgin Zammit u lil Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta sitt elef, tmien mija u wiehed liri Maltin u

erbgha u sebghin centezmu (Lm6,801.74) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* ta' Alexander u Marina mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta Limited (Dok. "B") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sal-jum tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 28 ta' Awissu 1996 u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Marina Zammit fejn gie premess:-

1. Illi in linea preliminari ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` Direct Marketing Services Limited li fiz-zmien tas-self imsemmi mill-atturi kellha problemi finanzjarji u l-uniku skop tal-kuntratt ta' self indikat fic-citazzjoni kien "*to inject capital in Direct Marketing Services Limited*" kif jidher f'klawsola 4 tas-*sanction letter* tas-17 ta' April li kopja taghha giet esebita u mmarkata Dok. MZ1;

2. Illi fil-mertu d-domanda attrici fil-konfront tal-konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ghalkemm il-konvenuta ffirmat is-*sanction letter* ghall-kundizzjonijiet

maghmula ghall-*Loan facilities* mill-Bank of Valletta Limited kif ukoll resqet ghall-kuntratt ta' self quddiem in-Nutar Richard Vella Laurenti fid-29 ta' April 1995, il-kuntratt indikat ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' l-Artikoli 974, 977, 978 u 979 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li l-kunsens taghha gie mehud bi vjolenza wara pressjoni u theddid mir-ragel taghha Alexander Zammit qabel ma l-konjugi Zammit resqu biex jiffirmaw il-kuntratt;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Roger u Marie Theresa mizzewgin Scotto fejn gie eccepit:-

1. Illi huma kellhom jinhargu minn din il-kawza peress illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn is-socjeta` bankarja attrici;

2. Illi l-fatti ddikjarati mis-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta l-konvenut Roger Scotto ta garanzija lill-Bank, il-fatti kienu differenti minn dawk li wera li kienu l-Bank, peress li l-istess Bank m'ghamilx ricerki tajbin fuq Alexander Zammit u li kieku kien jaf li l-affarijiet ta' Alexander Zammit ma kienux dawk li qal, qatt ma kien jidhol solidali mieghu;

3. Illi Marie Therese Scotto ma kienetx taf x'qeghda tiffirma peress li ma giex spjegat lilha l-import tal-firem taghha u ghalhekk kull forma ta' garanzija li tat hija nulla;

4. Illi l-konjugi Scotto qatt ma hadu sehem attiv fin-negozju u gew ingannati minn Alexander Zammit u ghalhekk is-socjeta` attrici kellha ddur l-ewwel fuq Alexander Zammit;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma mitluba mhix dovuta kollha peress li nhadmet b'imghaxijiet komposti u mhux skond il-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Alexander Zammit fejn gie eccepit:

1. Illi l-ammont mitlub huwa ghal kollox esagerat di piu` l-imghax qed jigi mahdum bl-imghax "*compound*" u mhux semplici;

2. Illi l-esponenti ma kienx fil-kapacita` mentali sabiex jersaq ghall-kuntratt *de quo* u ghalhekk ma kienx hemm l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jigi ffirmat dan il-kuntratt u ghahekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici b'nota tad-9 ta' Ottubru 1997 cediet il-pretensjonijiet taghha limitatament kontra Roger u Marie Therese mizzewgin Scotto filwaqt li zammet fermi u shah il-pretensjonijiet taghha kollha kontra l-konvenuti Alexander u Marina mizzewgin Zammit;

Provi:-

Illi skond ma jirrizulta mill-kuntratt tad-29 ta' April 1995 ippubblikat min-Nutar Richard Vella Laurenti (fol 5 sa 8) is-socjeta' attrici ikkoncediet self ta' Lm7000 lill-konvenuti Zammit ghal skopijiet kummercjali. Skond il-kundizzjonijiet stipulati fis-*sanction letter* datata 17 ta' April 1995 mis-socjeta' attrici (fol 18 sa 20) kellhom isiru *repayments* ta' Lm87 fix-xahar. Il-*Loan Account Statement* mahruga mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Awissu 1996 (fol 9) turi li l-avvanz ta' Lm7000 inghata fil-5 ta' Gunju 1995 u l-bilanc sad-data ta' l-istess statement (inkluz l-imghax sat-30 ta' Marzu 1996)

kien ta' Lm6801.74. Fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Ottubru 1998, Alfred Caruana, Manager fil-Legal Department tas-socjeta` attrici ikkonferma illi l-bilanc ta' Lm6801.74 kien ghadu dovut;

Illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' dan l-ammont, kif ukoll ta' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sal-jum tal-pagament effettiv;

Eccezzjonijiet:-

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Marina Zammit, gie eccepit fl-ewwel lok illi ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` Direct Marketing Services Limited li fiz-zmien tas-self kellha problemi finanzjarji u l-uniku skop tal-kuntratt ta' self kien *"to inject capital in direct Marketing Services Limited"*. Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa l-kaz peress illi r-relazzjoni hija bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti fil-kwalita` taghhom personalment;

Illi fit-tieni eccezzjoni ta' l-istess Marina Zammit, gie eccepit illi l-kuntratt ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' artikoli 974, 977, 978 u 979 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li l-kunsens taghha gie allegatement mehud bi vjolenza wara pressjoni u theddid mir-ragel taghha il-konvenut Alexander Zammit qabel ma l-konjugi Zammit resqu ghall-kuntratt. Il-Qorti tosserva illi fl-Udjenza ta' l-4 ta' Frar 2000 id-difensur tal-konvenuta kien talab zmien *"biex jistitwixxi proceduri halli jitlob in-nullita` tal-ftehim iffirmat mal-Bank of Valletta u esebit*

*f'dawn il-proceduri."* Il-Qorti ghalhekk kienet halliet il-kawza ghat-12 ta' Mejju 2000 biex sa tali jum il-konvenuta tkun tista tipprocedi bit-tieni eccezzjoni taghha. Fl-Udjenza sussegwenti pero` id-difensur ta' l-istess konvenuta informa lill-Qorti illi *"ma kienx opportun li jistitwixxi proceduri ohra."* Ghalhekk il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Alexander Zammit gie eccepit fl-ewwel lok illi l-ammont huwa esagerat u li l-imghax qed jigi mahdum bl-imghax "*compound*" u mhux semplici. Il-Qorti tosserva illi is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont li gie misluf lill-konvenuti meno il-pagamenti li gew effettwati u piu` l-imghax.

Illi l-obbligazzjoni in kwistjoni hija wahda ta' natura kummercjali. Fuq il-punt dwar l-imghax kompost, peress li dan mhux trattat fil-Kodici Kummercjali, wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward qabel ma jikkonsidra l-artiklu 1142 tal-Kodici Civili li jistipula li *"l-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena."*

Illi minn ezami tal-gurispudenza nostrana jirrizulta li m'hemmx dubbju illi l-komputazzjoni ta' l-imghax kompost sar jifforma uzu kummercjali li huwa rikonoxxut u segwit. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-

ismijiet "Konkors tal-Kredituri - Nru 1/1984 ta' Anthony Debono noe" (AK20.04.1993) fejn intqal illi: *"L-uzu kummercjali, in materja, biddel dik il-parti ta' dan l-artiklu (1142) li tesigi talba giudizzjarja jew ftehim wara li jinghalqu l-interessi, fis-sens illi, l-interessi generati minn kont bankarju, jigu awtomatikament kapitalizzati annwalment minghajr il-bzonn ta' talba giudizzjarja jew ftehim li jintlahaq wara li taghlaq sena."*, u is-sentenza moghtija fil-kawza "Paul Azzopardi noe et vs Guido Falzon" (AK 20.07.94) fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi *"l-banek jistghu jikkapitalizzaw l-interessi ghal zmien inqas minn sena u dan kif rikonoxxut anke mill-Qrati taghna..."*;

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut mhix ser tigi accettata. Dwar it-tieni eccezzjoni tieghu, u cioe` illi huwa ma kienx fil-kapacita` mentali sabiex jersaq ghall-kuntratt *de quo*, u l-allegazzjoni li ma kienx hemm l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jigi ffirmat dan il-kuntratt, il-Qorti tirrileva illi meta si tratta ta' annullabilita` ta' kuntratt, din ma tistax tigi sollevata permezz ta' eccezzjoni izda tista' tingieb 'il quddiem biss b'azzjoni *ad hoc*. Ma jirrizultax li l-konvenut istitwixxa xi proceduri biex jigi annullat il-kuntratt in kwistjoni u wisq anqas ma jirrizulta li ottjena sentenza li tiddikjara n-nullita` tal-ftehim in kwsitjoni, u allura t-tieni eccezzjoni ukoll mhix ser tigi milqugha;

Illi s-socjeta` attrici pproduciet id-dokumenti opportuni (inkluz il-kuntratt notarili) in sostenn tat-talbiet taghha u l-ammont mitlub gie konfermat

bix-xhieda ta' l-impjegati nkarigati; lanqas jidher li l-konvenuti ghamlu xi opposizzjoni dwar dan.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq premessi, u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenuti Scotto, in vista tan-nota tad-9 ta' Ottubru 1997, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra; u

Tilqa' t-Talba Attrici fis-sens illi tikkundanna lill-konvenuti Alexander u Marina mizzewgin Zammit ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' sitt elef, tmien mija u wiehed liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm6801.74) bilanc ghad-debitu fil-*loan account* taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenuti Zammit, hlief ghal dawk relattivi ghall-konvenuti Scotto, li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur